**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors Guramentat numru : 80/2016 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-18 ta' Awissu (Ara Dok. A) certifikat taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 1495/1984 ) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, illum maggiorenni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri- Soler mill-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u disghin (1990) (Ara Dok. B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin,

illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtieg ma persuni ohrajn/familji godda;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut, stante li bint il-partijiet illum hija maggorenni u permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civil ital-5 ta' Frar 1996 (kopja annessa Dok. C) il-manteniment li kien dovut skont klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni ma kellux jibqa jithallas.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

1. Illi l-esponenti ma tikkontestax il-fatti mressqa fir-rikors tar-rikorrenti zewgha u ghalhekk mhijiex toggezzjona ghat-talbiet tieghu li din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u li taghti ordni ghar-registrazzjoni tal-istess hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;
2. Illi l-esponenti ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha S u ma tibqax izomm kunjom zewgha;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' S u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu il-provedimenti opportuni f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Dicembru 1990;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.